**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 20 ta' Novembru, 2019**

**Talba Nru: 299/2019 PM1**

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) u Thomas Smith Insurance Agency Limited bhala agenta tal-istess GasanMamo Insurance Limited, bhala surrogati bis-sahha tal-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom G&E Electronics Limited**

**Vs**

**Dione Darmanin**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 t'Ottubru, 2019 illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elfejn, tlett mija u sittax-il euro u sittin centezmu (€2316.60) oltre l-interessi relattivi b'effett mid-data tan-notifika tal-avviz liema somma hija dovuta lill-atturi rapprezentanti rizarciment ta' danni sofferti minnhom per konsegwenza tal-incident li sehh fit-2 ta' Novembru, 2018 fil-hanut G&E Electronics meta l-konvenut beda jimmira u jipponta l-*laser beam* tieghu bl-addocc lejn

persuni u oggetti li kien hemm f'dak il-hanut u fost ohrajn il-konvenut laqat lil Charles Cacciattolo f'ghajnu. Per konsegwenza ta' dan, Cacciattolo ghamel zmien ma jistax jattendi ghax-xoghol tieghu u l-assiguratur kien kostrett li jhallas is-somma msemmija ta' €2316.60 bhala rifuzjoni lis-socjeta` G&E Electronics Limited ta' paga mhallsa minnhom lil Cacciattolo waqt li dan kien qieghed bis-*sick leave*; bl-ispejejz gudizzjarji kontra l-istess konvenut.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-18 ta' Novembru, 2019 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2019 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetajiet attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess socjetajiet attrici is-somma mitluba ta' elfejn, tliet mija u sittax-il euro u sittin centezmu (€2316.60) rapprezentanti danni sofferti minnhom bhala konsegwenza tal-incident li ghalih jahti l-konvenut kif premess fit-talba bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-25 t'Ottubru, 2019 data tan-notifika lill-konvenut tal-avviz odjern kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**